**124. Il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin jipproponi:**

Illi wara li l-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra ra l-*Ombudsplan* ippreżentat mill-*Ombudsman* għas-sena 2010 li kopja tiegħu tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2009;

Wara li sema' l-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-*Ombudsman* personalment fuq il-kummenti kollha li sarulu fil-laqgħa ta' l-istess Kumitat li saret fl-10 ta' Novembru, 2009;

Wara li t-traskrizzjoni ta' din il-laqgħa ġiet ċirkolata lill-Membri tal-Kamra tad-Deputati; u

Wara r-rakkmandazzjoni li saret mill-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra;

Il-Kamra tad-Deputati tapprova l-*Ombudsplan* kif ippreżentat.

18.11.09